MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru 888/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Spiteri**
**v**

**OMISSIS**
**ROBERT ZAHRA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **JOSEPH GRECH** ta' tlieta w erbghin sena bin Joseph u Josephine nee Farrugia, imwieled Hal Qormi nhar d-disgha ta' Marzu 1963 u residenti St. Mary Flats, Flat 7, Triq Andrew Cunningham Qawra, detentur ta' karta ta' identita' bin-numru 156363M u **ROBERT ZAHRA** ta' tletin sena bin Mariano u Mary Grace nee Formosa, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1976 u joqghod 68, 'Redeemer', Triq Gistakor, Hal Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita numru 371876M gew mressqa quddiemha akkuzati talli fl-ghoxrin ta' Awissu 2006, ghal habta tal-erbgha ta' filghodu f'Empire Street,

Gzira, bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt ta’ serq tal-vettura tal-marka Mazda E2200 b’numru ta’ registrazzjoni OSA 001 ghad-dannu ta’ Emanuel Degiorgio minn San Gwann, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom u li kieku sehh dan id-dellitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali markat bhala dokument CSH [fol 26] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Robert Zahra kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin ta’ Settembru 2006 kif jirizulta a fol 25 tal-atti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat Robert Zahra wiegeb li hu hati din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w iddifferiet l-kawza sabiex l-imputat Robert Zahra jikkonsidra din l-ammissjoni da parti tieghu.

Illi fis-seduta tas-sitta ta’ Ottubru 2006, l-imputat Robert Zahra ddikjara li mhux qed jerga lura mid-dikjarazzjoni t’ammissjoni tieghu maghmula fis-seduta precedenti u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat Robert Zahra, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Fil-fatt fis-seduta tas-sbatax ta’ Jannar 2007, l-imputat Robert Zahra rega’ rregistra ammissjoni fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u talab lil Qorti sabiex tghaddi biex tippronuncja s-sentenza fil-konfront tieghu.

Illi fis-seduta tas-sbatax ta’ Jannar 2007, l-prosekuzzjoni talbet s-seaprazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati w ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza fil-konfront tal-imputat Robert Zahra.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tas-sitta ta’ Ottubru 2006, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Spiteri ddikjara li l-imputat Robert Zahra kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha ta’ dan l-kaz.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat Robert Zahra esibita bhala dokument FP 1 a fol 7 tal-atti, din hija wahda nadifa u minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk ghandu jitqies bhala *a first time offender*.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ din il-fedina penali u tal-fatt li l-imputat Robert Zahra ikkollorbora bis-shih mal-prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha u fid-dawl tal-ammissjoni bikrija tieghu tant li m’inhela ebda hin prezzjuz tal-Qorti, il-Qorti thoss li ghandha tkun klementi mieghu fl-ghoti tal-piena.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat ROBERT ZAHRA hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddecidi li tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sentejn [2] mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------